MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 2760/1999/1

**John Aquilina**

**vs**

**Cettina Polidano; u b'decizjoni tal-Qorti tat-18 ta' Mejju 2001 giet kjamata fil-kawza Marlene Aquilina; u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2002 l-istess Marlene Aquilina interveniet *in statu et terminis* fl-atti tal-kontro-talba prezentata mill-konvenuta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta otteniet digriet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li l-attur kellu jghaddilha Lm110 fix-xahar li jithallsu direttament mill-post tax-xoghol tieghu l-Enemalta.

Illi l-istess digriet, sar wara li l-attur kien issepara minn martu Marlene Aquilina, u l-konvenuta hija omm martu, u ghalhekk qatt skond il-ligi ma setghet talbet alimenti, anke favur il-minuri.

Illi l-alimenti li tista' tordna s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huma dawk *pendente lite*, u mhux meta hemm separazzjoni konsenswali u definita.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premess tiddikjara:-

1. Illi d-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, ottenut mill-konvenuta ghall-hlas ta' alimenti direttament mill-Enemalta bhala *employer* ta' l-attur, u li jgib in-numru 1287/98, huwa null u bla effett ghar-ragunijiet premessi, u dan precipwament minhabba li s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ma kellhiex kompetenza li taghmel tali ordni ta' hlas ta' alimenti lill-omm il-mara ta' l-attur diga' separat minn martu b'kuntratt konsenswali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet tas-17 ta' Dicembru 1999. Il-konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 7 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-gudizzju mhuwiex integru *stante* li kellhom jigu mharrka kemm it-tfal minuri Anthon u Emilio kif ukoll omm it-tfal Marlene Aquilina;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi d-digriet imsemmi mill-attur sar fl-interess tat-tfal minuri ma kienx hemm oggezzjoni mill-attur ghal gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti; fil-fatt is-Sekond' Awla ddecidiet li t-tfal (tnejn – wiehed ta' hdax-il (11) sena,

Anthony, u iehor ta' seba' (7), Emilio) kellhom jinzammu min-nanna materna, cjoe' l-konvenuta;

4. Illi hemm kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u martu li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, li fih l-attur obbliga ruhu li jhallas manteniment ghat-tfal biss fl-ammont ta' Lm110 fix-xahar;

5. Illi s-Sekond' Awla agixxiet fuq rikors prezentat min-nanna materna li fih hi talbet li *stante* cirkostanzi tkun awtorizzata trabbi t-tfal hi – is-Sekond' Awla qablet ma' dan u *stante* li l-manteniment li kien qed ihallas ir-ragel kien ghat-tfal, dan ghalhekk issa kellu jibda jithallas lill-konvenuta u mhux izjed lill-omm;

6. Illi mhux minnu li l-konvenuta talbet alimenti – dawn kienu gja' gew stabbiliti permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni anness bhala Dok "A"; il-konvenuta kulma ghamlet kien li talbet li fl-aqwa nteress tat-tfal dawn jinghataw lilha; il-Qorti laqghet dik it-talba u ghalhekk ordnat li dak il-manteniment miftiehem ghat-tfal jigi mghoddi lil min fil-fatt kien ser izomm it-tfal, cjoe' l-konvenuta;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghax dawn il-flus huma dovuti ghat-tfal skond il-kuntratt;

Illi ghal kull buon fini qed issir kontro-talba.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 7 u 8 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta u tal-intervenuta fil-kawza b'digriet tas-7 ta' Marzu 2002 a fol. 9 tal-process, fejn gie premess illi:-

Illi kien hemm kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u martu, li tigi bint il-konvenuta, dan qed jigi anness bhala Dok "A";

Illi skond dan il-kuntratt l-attur ghandu jaghti alimenti ghat-tfal minuri tieghu fl-ammont ta' Lm110 mensili;

Illi wara digriet tas-Sekond' Awla li qed jigi anness bhala Dok "B", dik il-Qorti ddegretat, kif kellha dritt u obbligu li taghmel li dawn it-tfal jghaddu fil-kura u kustodja tal-konvenuta;

Illi ghalhekk dik il-Qorti qalet ukoll li b'hekk issa s-somma dovuta lit-tfal minuri skond il-kuntratt kellha tigi mhallsa lill-konventa. Kieku ma sarx hekk kien hemm il-periklu li t-tfal jibqghu b'xejn;

Illi l-*employer* ta' l-attur qed jonqos li jhallas lill-konvenuta l-manteniment skond kif miftiehem u ordnat.

Illi l-istess konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna u tikkundanna lill-attur sabiex l-ammont ta' Lm110 mensili li kien obbligat ihallas ghat-tfal minuri tieghu skond il-kuntratt ta' separazzjoni (Dok "A") jibda jigi mhallas lill-konvenuta.

2. Tordna li dan l-ammont jibda jithallas direttament mill-*employer* ta' l-attur billi jinqata' mill-paga tieghu u jibda jintbaghat lill-konvenuta fir-residenza taghha.

Bl-ispejjez bl-interessi.

L-attur huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 9 sa 16 tal-process;

Rat il-lista' ta' xhieda u dokumenti esebiti mal-istess kontro-talba a fol. 10 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess kontro-talba fejn hemm il-kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' April 1997 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar a fol. 11 tal-process fejn abbazi ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni hemm indikati f'paragrafu 5 ta' l-istess li:-

*"(5) Il-kura u kustodja tat-tfal minuri Anthony u Emilio Aquilina tigi affidata lill-omm b'dan li l-parti l-ohra jkollha*

*access ghat-tfal mill-inqas kull nhar ta' Erbgha, jew kull nhar ta' Hamis skond ix-'shift' tax-xoghol tar-ragel mill-4:00 sas-7:30 ta' fil-ghaxija u nhar ta' Hadd mill-10:00 ta' fil-ghodu sal-4:00 ta' fil-ghaxija., jew kif jiftiehmu l-partijiet bejniethom minn zmien ghal zmien. Il-minuri ma jistax ikollhom passaport jekk mhux bil-kunsens taz-zewg genituri.*

*(6) Dwar manteniment ghat-tfal, il-partijiet jaqblu li dan ghandu jkun ta' mija u ghaxar Liri Maltin fix-xahar, nofs kull wiehed, sakemm jilhqu l-eta' maggorenni. Dan il-manteniment tat-tfal ghandu jizdied proporzjonalment kull sena ma' l-gholi tal-hajja, u dana b'nofs ta' kull zieda li tinghata mill-gvern, u m'ghandhux jitnaqqas jekk il-mara tibda' tahdem".*

Illi giet esebita ukoll kopja informi ta' Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (JDC) **Numru 1476/99 datat 3 ta' Novembru 1999** – fejn wara rikors li sar minn Dr. Victor Zammit bhala Direttur tal-Assistenza Socjali u tal-Familja datat 29 ta' Dicembru 1998, (li jirreferi ghad-Digriet ta' l-istess Qorti datat 4 ta' Marzu 1998 fejn l-istess konvenut odjern kien inghata access *verso* l-minuri ghal tliet darbiet fil-gimgha, u cjoe' darbtejn f'nofs il-gimgha – kull darba ta' saghtejn u darba'ohra, preferibbilment fil-*weekend*, meta l-access ikun ta' sitt sieghat) fejn minhabba r-ragunijiet hemm premessi talab li l-access tat-tfal ikun taht supervizjoni, u ta' darba fil-gimgha – fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors u r-risposta u l-atti kollha l-ohra li segwewh, iddecidiet li:-

*"Billi jidher li hekk hemm bzonn fl-ahjar interess tal-minuri msemmija fir-rikors, tvarja l-modalita' tal-access akkordat lil John Aquilina fil-konfront tal-istess uliedu bid-digriet tal-4 ta' Marzu 1998, fis-sens li dan ghandu jigi ridott ghal access ta' saghtejn, darba fil-gimgha, kif ghandu jiddetermina d-Direttur tal-Harsien tal-Familja wara li jqis il-bzonnijiet u l-esigenzi ta' kull min huwa koncernat, u b'dana li l-istess access ghandu jinzamm fic-Centru Hidma Socjali, taht is-supervizjoni ta' social worker delegat ghal dan l-iskop mill-istess Direttur".*

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta’ Mejju 2000; u tal-14 ta’ Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni fuq il-punti legali nvoluti fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta datata 19 ta’ Gunju 2000, a fol. 20 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma’ Cettina Polidano.

2. Illi r-rikonvenzjoni mhix moghtija f’kawza fejn qed tintalab in-nullita’ ta’ digret tal-Qorti minhabba nkompetenza ghaliex ma hemmx ness legali bejn in-nullita’ u t-talba li qed issir mill-konvenuta.

3. Illi d-digriet tas-Sekond’ Awla sar minn Qorti nkompetenti illi tghaddi obbligi ta’ kuntratt minn fuq kreditur ghall-iehor.

4. It-talba ghall-hlas minghand l-*employer* ma tistax tinghata minn din il-Qorti fi kwalunkwe kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-14 ta’ Lulju 2000 u t-trattazzjoni ta’ l-avukati fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta a fol. 25 sa fol. 30 tal-process.

Rat il-verbali quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta tat-18 t’Ottubru 2000; tat-30 ta’ Novembru 2000; tal-1 ta’ Frar 2001; tas-27 t’April 2001; u tat-18 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti kkonstatat li r-rikors promotur li abbazi nghata d-digriet lamentat fi-kawza attrici kien sar kemm mill-konvenuta u kemm minn omm it-tfal Marlene Aquilina kontra l-konvenut u ghalhekk ordnat il-kjamata fil-kawza tal-istess Marlene Aquilina b’decizjoni *in parte* moghtija fit-18 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta’ Lulju 2001; tat-30 ta’ Ottubru 2001; u tal-20 ta’ Novembru 2001 fejn il-kjamata fil-kawza tat-ruhha notifikata bic-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Marlene Aquilina a fol. 55 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li d-digriet moghti mis-Sekond’ Awla huwa validu u m’ghandux jigi annullat.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha fejn ziedet li l-konvenuta nghatat il-kura u kustodja tat-tfal mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u anke giet awtorizzata tircievi l-manteniment ghat-tfal, u l-attur ma kkontestax il-kompetenza tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kollox a fol. 56 tal-process u l-lista ta’ xhieda a fol. 56 tal-process;

Rat il-verbal tas-sedut tal-4 ta’ Frar 2002.

Rat ir-rikors tal-kjamata fil-kawza Marlene Aquilina datat 10 ta’ Dicembru 2001 fejn talbet li tintervejni *in statu et terminis* fil-kontro-talba tal-konvenuta Cettina Polidano fil-konfront ta’ l-attur John Aquilina.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 7 ta’ Marzu 2002 fejn laqghat it-talba.

Rat il-verbal tal-11 ta’ April 2002 fejn dehret din il-kawza ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti kif attwalment presejduta u fejn dehru biss Dr. Raymond Zammit ghall-konvenuta prezenti u Dr. Doreen Clarke ghall-kjamata fil-kawza u fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ tletin (30) gurnata kull wiehed bil-kawza differita ghall-provi u finali trattazzjoni ghat-12 ta’ Gunju 2002.

Rat in-nota tal-attur tas-7 ta’ Mejju 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbal tas-seduti tat-12 ta’ Gunju 2002; tal-14 ta’ Gunju 2002; tad-19 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti ghal darba ohra tat digriet ghall-affidvits ghall-konvenuta u kjamata fil-kawza wara li Dr. Zammit ghall-konvenuta ta’ ruhu notifikat bl-affidavit tal-attur u fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth sabiex jisma’ l-provi tal-partijiet sal-15 ta’ Frar 2003 b’ordni li jsiru zewg seduti.

Rat il-verbali tas-seduti datati 14 ta’ Jannar 2003 u 7 ta’ Frar 2003 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fejn dawn jidher li saru ghalxejn peress li ma ngabru l-ebda provi fl-istess, izda biss gie pprezentat affidavit tal-konvenuta.

Rat l-affidavit tal-konvenuta datat 13 ta’ Jannar 2003 a fol. 74 tal-process.

Rat in-nota tal-kjamata fil-kawza Marlene Aquilina datata 31 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess datat 13 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta’ April 2003; tal-10 ta’ Gunju 2003; tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza; tad-29 ta’ Jannar 2004 u tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn peress li l-process ma kienx ghad-dispozizzjoni tal-Qorti, il-kawza kellha tigi differita sabiex jinstab halli l-kawza tigi deciza fid-29 t’April 2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) XHIEDA PRODOTTA.

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur** spjega li wara li kienet saret is-separazzjoni konsenswali minn ma’ martu, omm il-mara ghamlet rikors biex tiehu lit-tfal f’idejha ghax martu ma kenitx qed iggib ruhha sew u wara esigiet li l-manteniment jibda jghaddi ghandha. Huwa xehed li t-tfal ilu ma jarahom zmien ghax dejjem bil-kwistjonijiet ma’ Cettina Polidano

jew it-tfal taghha. Il-konvenuta ghamlitlu anke sekwestru u huwa ddecieda li jikkontesta kollox.

Illi fl-affidavit taghha **Cettina Polidano** xehdet li hija tigi omm Marlene Aquilina li hija separata minn mal-attur permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni. Minn dan il-kuntratt jirrizulta li r-ragel kellu jhallas il-manteniment ta’ Lm110 mensili nofs kull wiehed lill-ulied sakemm kull wiehed jilhaq l-eta’ maggorenni. Hija kompliet li kellha taghmel rikors quddiem is-Sekond’ Awla biex tiehu lit-tfal maghha u trabbihom hi. Wara li l-Qorti qabdet *Social Worker* laqghet it-talba u ordnat ukoll li l-manteniment ghalihom kellu jithallas lilha.

Illi ulied l-attur qed ighixu u jitrabbew minn Cettina Polidano li trid thallsilhom l-ghixien taghhom. Hija qed thallsilhom kemm l-ispejjez edukattivi kif ukoll dawk ta’ sahha. Huwa ghalhekk li hija qed issostni li ghandha bzonn il-manteniment dovut mill-attur ghat-trobbija ta’ dawn l-ulied. Kien hemm battalja legali shiha bejniethom inkluzi mandati ta’ sekwestru fil-konfront ta’ xulxin.

Illi fl-affidavit taghha **Marlene Aquilina** xehdet li hija kienet isseparat minn ma’ zewgha permezz ta’ kuntratt fejn huwa kien obbliga ruhu li jhallas Lm110 bhala manteniment ghat-tfal. Xi zmien wara s-separazzjoni, ghall-gid tat-tfal, il-kura u l-kustodja taghhom giet fdata lil ommha. Dan gara b’digriet tas-Sekond’ Awla fejn gie ordnat ukoll li l-manteniment ghat-tfal ma jibqax jithallas lilha imma lil ommha peress li hi kienet qed tiehu hsieb lit-tfal. Hija xehdet li mid-data tas-separazzjoni u sakemm it-tfal kienu ghadhom fil-kustodja taghha r-ragel qatt ma hallas manteniment u sa fejn taf hi lanqas lil ommha qatt ma hallasha. Kien biss wara li ghamlet xi proceduri bil-Qorti u xi mandati li gabret xi flus. Sa fejn taf hi ghad hemm pendenti hlas ta’ xi sentejn manteniment. Hija kompliet li hu xieraq li ommha tithallas il-manteniment ghat-tfal hija peress li qed tiehu hsieb il-bzonnijiet ghat-tfal.

## <u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PENDENZA ODJERNA.</u>

Illi skond it-talba attrici din hija fis-sens li d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, ottenut mill-konvenuta ghall-hlas ta’ alimenti direttament mill-Enemalta bhala *employer* ta’ l-attur, u li jgib in-numru 1287/98, huwa null u bla effett ghar-ragunijiet premessi, u dan precipwament minhabba li s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ma kellhiex kompetenza li taghmel tali ordni ta’ hlas ta’ alimenti lil omm il-mara ta’ l-attur diga’ separat minn martu b’kuntratt konsenswali.

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna kienu s-segwenti: l-attur u martu Marlene Aquilina sseparaw bonarjament permezz permezz ta’ kuntratt datat 15 ta’ April 1997 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar. Minn dan il-kuntratt (Dok. “A” a fol. 11 *et seq* tal-process) jirrizulta li l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri taghhom giet fdata f’idejn l-omm u l-manteniment li l-attur obbliga ruhu li jivversa favur uliedu kien ta’ Lm110 fix-xahar sakemm jilhqu l-eta’ maggorenni.

Illi fil-fatt id-dispozizzjonijiet relevanti fl-istess kuntratt huma is-segwenti:-

*“(5) Il-kura u kustodja tat-tfal minuri Anthony u Emilio Aquilina tigi affidata lill-omm b’dan li l-parti l-ohra jkollha access ghat-tfal mill-inqas kull nhar ta’ Erbgha, jew kull nhar ta’ Hamis skond ix-‘shift’ tax-xoghol tar-ragel mill-4:00 sas-7:30 ta’ fil-ghaxija u nhar ta’ Hadd mill-10:00 ta’ fil-ghodu sal-4:00 ta’ fil-ghaxija, jew kif jiftiehmu l-partijiet bejniethom minn zmien ghal zmien. Il-minuri ma jistax ikollhom passaport jekk mhux bil-kunsens taz-zewg genituri.*

*(6) Dwar manteniment ghat-tfal, il-partijiet jaqblu li dan ghandu jkun ta’ mija u ghaxar Liri Maltin fix-xahar, nofs kull wiehed, sakemm jilhqu l-eta’ maggorenni. Dan il-manteniment tat-tfal ghandu jizdied proporzjonalment kull sena ma’ l-gholi tal-hajja, u dana b’nofs ta’ kull zieda li tinghata mill-gvern, u m’ghandux jitnaqqas jekk il-mara tibda tahdem”.*

Illi sussegwentement jirrizulta li l-omm tal-istess minuri, il-kjamata fil-kawza odjern ma kenitx aktar f’pozizzjoni li

tiehu hsieb l-istess uliedha tant li hija, li tigi n-nanna tat-tfal u konvenuta f'din il-kawza pprezentat rikors (Numru 1759/97) fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex hija tiehu l-kura u l-kustodja tal-istess ulied minflok ommhom (rikors 26 ta' Awissu 1998). Dan gie pprezentat fil-konfront ta' l-attur ukoll. Illi jirrizulta wkoll li giet prezentata risposta datata 5 ta' Settembru 1989 mill-attur innifsu numru 1803/97 fejn huwa stess issottometta li huwa fl-interess tal-minuri li l-istess tfal jitpoggew fi stitut tat-tfal. Illi giet ukoll prezentata risposta ohra ta' Marlene Aquilina numru 1728/97 datata 16 ta' Settembru 1998 u b'Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, wara li gie nkarigat *social worker* (Raymond Dimech) sabiex jezamina l-kaz, inghata mill-istess Qorti digriet datat **4 ta' Marzu 1998** (Digriet Numru 229/98) fejn il-Qorti, fuq suggeriment tal-istess *social worker*, ordnat li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata f'idejn il-konvenuta odjerna Cettina Polidano, provdiet ghall-access tal-attur stess u tal-omm u gie ordnat ukoll li l-manteniment ta' l-istess ulied fis-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110), (kif stipulat li kellu jhallas l-attur lill-kjamata fil-kawza ghall-manteniment ta' l-ulied fil-kontratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi Aquilina) kellu minflok jithallas mill-attur lill-istess nanna tat-tfal, pero' nofs mill-attur u nofs mill-kjamata fil-kawza.

Illi permezz ta' rikors ulterjuri Numru 483 A/98 jirrizulta li l-konvenuta ndikat lill-Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hekk kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph David Camilleri li l-manteniment ghall-minuri skond il-kuntratt ta' separazzjoni kellu jithallas mill-attur kollu kemm huwa u b'Digriet taghha datat **9 ta' Lulju 1998** l-istess Qorti laqghet it-talba u varjat id-digriet precedenti fis-sens li l-manteniment ghall-minuri kellu jithallas kollu mill-attur lill-konvenuta li allura permezz tad-digriet tal-4 ta' Marzu 1998 kellha l-kura u l-kustodja.

Illi peress li fil-mument li din il-Qorti qed tikteb is-sentenza l-ebda digriet ma' gie esebiet mill-partijiet fl-istess process din il-Qorti qed tordna li kopja ta' l-istess digrieti tigi annessa fl-atti ta' din il-kawza u dan ukoll ghad-digrieti l-ohra sussegwenti.

Illi dan id-Digriet bl-ebda mod ma gie attakat mill-attur fic-citazzjoni odjerna, *stante* li l-istess talba attrici tirreferi biss ghad-Digriet Numru 1287/98. Fil-fatt u in verita' fl-atti tal-istess digriet jirrizulta mill-process relattiv li nghataw zewg digrieti, fejn l-ahhar wiehed kien datat ghad-**9 ta' Lulju 1998** mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri. Fil-fatt dan l-ahhar digriet imsemmi kien konsegwenti ta' diversi atti ohra prezentati kemm mill-konvenuta u l-kjamata fil-kawza datati 29 ta' Lulju 1998 (Rikors Numru 519/98) u 25 ta' Settembru 1998 (247/98) u fejn dik l-istess Qorti b'digriet estensiv u wara li rreferiet ghad-digriet precedenti Numru 229/98, ikkonfermatu in kwantu jirrigwarda li l-kura u l-kura u kustodja ta' l-ulied kellha tibqa' f'idejn il-konvenuta Cettina Polidano u varjat l-access tal-attur ghall-istess minuri kif indikat f'paragrafi 2,3,4, u 6 tal-istess Digriet u ammoniet lill-partijiet sabiex josservaw l-istess Digriet u kif biss f'dan is-sens li d-digriet precedenti gie hekk varjat, Illi fil-paragrafu 9 tal-istess digriet ghal dak li huwa manteniment tal-minuri kkonfermat id-digriet taghha stess fuq rikors numru 483A/98 moghti dakinhar stess ukoll, u hawn fuq riferit f'din is-sentenza.

Illi d-Digriet iehor datat **26 ta' Ottubru 1998** ukoll fl-atti tad-Digriet insemmi mill-attur jirrizulta li l-istess Qorti fuq ir-rikors tal-konvenuta u l-kjamata fil-kawza datat 29 ta' Lulju 1998, u wara r-risposta tal-attur datata 31 ta' Awissu 1998, u replika tal-istess konvenuta u kjamat fil-kawza datat 25 ta' Settembru 1998, laqghet it-talba tal-istess konvenuta u kjamata fil-kawza sabiex l-ammont dovut bhala manteniment mill-istess attur kemm fuq il-kuntratt u kemm in forza tad-digrieti taghha, li allura gew pagabbli lill-konvenuta li nghata l-kura l-kustodja tal-istess minuri minflok ommhom, sabiex l-istess ammont ta' manteniment jitnaqqas direttament mill-paga tal-attur mill-*employer* tieghu l-Enemalta u jintbaghat minnhom direttament lill-konvenuta.

Illi mill-atti tac-citazzjoni attrici jidher ghalhekk li huwa biss id-digriet ghall-hlas ta' manteniment mill-paga tal-attur direttament lill-konvenuta li qed jigi attakkat mill-attur u in verita' dan johrog car mill-fatt li d-digriet fuq imsemmi tal-4

ta’ Marzu 2004 fejn l-istess konvenuta nghatat l-kura u l-kustodja tal-minnuri ma giex attakkat mill-istess attur f’dawn il-proceduri u r-referenza saret biss ghan-numru tad-digriet u wkoll ghal tali ordni moghtija lill-*employer* tal-attur.

Illi minn dan jirrizulta li allura t-talba tal-attur qatt ma’ tista’ tigi accettata *stante* li l-ordni tal-Qorti tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li tali pagamenti ghall-manteniment li l-istess attur dejjem kien obbligat li jhallas bhala manteniment ghall-uliedu, kelhom jinqatghu direttament mill-paga tieghu u jigu moghtija direttament lill-konvenuta, kienet dejjem konsegwenti ghall-ordni tal-istess Qorti li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri kienet minnha giet fdata f’idejn l-istess konvenuta. Dan anke wara li l-istess attur kien huwa nnifsu ppartecipa fl-istess proceduri ghall-ewwel digriet tal-istess Qorti datat 4 ta’ Marzu 1998, fejn appuntu ssuggerixxa lill-istess Qorti li l-istess ulied jitpoggew fi stitut tat-tfal.

Illi b’hekk jirrizulta li l-istess attur innifsu waqt l-ewwel proceduri quddiem l-istess Qorti sakemm inghata d-digriet tal-4 ta’ Marzu 1998 qatt ma oggezzjona ghall-kompetenza u gurisdizzjoni tal-istess Qorti tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk akkweixxa u accetta l-istess kemm dwar il-kura u l-kustodja tal-istess minuri, li minn dak stipulat fil-kuntratt gew fl-interess tal-minuri mibdula u moghtija f’idejn il-konvenuta, u kemm verament dwar il-hlas ta’ ammont ta’ manteniment. Jirrizulta wkoll li l-istess attur lanqas attakka d-dispozizzjonijiet ta’ digriet imsemmi minnu dwar l-access tieghu ghall-istess minuri, li gie ukoll imnaqqas minn dak li kien stabbilit fl-istess kuntratt. Allura jirrizulta car, ovvju u gust li ladarba l-istess attur issikkomba l-komptenza ta’ l-istess Qorti fl-interess tal-minuri ghal dak li huwa l-interess tat-tfal kemm dwar kura u kustodja u access, u ladarba l-istess digriet baqa’ veljanti, anzi kkonfermat mill-istess Qorti anke wara, ma jistax issa l-istess attur jattakka parti biss mill-ordnijiet tal-Qorti ghall-hlas ta’ tali manteniment mill-*employer* tieghu, ghaliex ma hemm l-ebda dubju li l-kompetenza ta’ l-istess Qorti tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kienet gja’ eradikata bl-ewwel digriet taghha fejn il-kura u l-kustodja

tal-istess minuri gew fdati f'idejn l-konvenuta minflok f'idejn il-kjamata fi-kawza kif indikat fl-istess kuntratt.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li l-istess Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili dejjem ghandha gurisdizzjoni fl-interess tal-minuri u sabiex taghti provvedimenti dwar l-istess. Jirrizulta wkoll li in verita' l-kreditur tal-istess manteniment huma proprju l-istess ulied, u l-konvenuta kienet ser tithallas hija peress li l-kura u l-kustodja tal-istess ulied f'dak il-mument kienu f'idejha u ghalhekk din l-ordni setghet issir abbazi tal-**artikolu 381 (3) tal-Kap 12** kemm ghaliex l-istess minuri huma proprjament l-krédituri tal-istess ammont u apparti dan l-istess sub-artikolu jsemmi kemm lill-ulied, kemm lill-partijiet fiz-zwieg, u kemm axxendenti tad-debitur.

Illi minn dan kollu l-attur ma qal xejn fix-xhieda tieghu, tant li lanqas biss hemm riferiment ghal diversi digrieti li gew moghtija mill-istess Qorti hawn fuq imsemmija, u certament dan ma jirriflettix tajjeb fil-konfront ta' l-attur, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-mira tieghu kienet biss li l-istess ulied ma jithallsux effettivament l-istess manteniment, *stante* li t-talba tal-konvenuta u l-kjamata fil-kawza saru wara li l-attur ma bediex ihallas il-manteniment lill-konvenuta skond kif ordnat mill-Qorti. Hija hasra li ghamel dan meta huwa kien jaf li l-istess konvenuta kienet qed tiehu hsieb uliedu in forza tad-digrieti msemmija, li saru wara hafna hin li l-istess Qorti ddedikat ghall-kwistjoni fl-interess tal-minuri u bil-participazzjoni tal-istess attur wara l-intervent tas-*social workers* nominati mill-Qorti.

Illi fil-fatt jidher li l-intervent ta' l-istess Qorti tas-Sekond' Awla Civili ma waqafx hawn peress li l-istess Qorti regghet agixxiet fuq rikors din id-darba tad-Direttur tal-Assistenza Socjali datat 29 ta' Dicembru 1998, fejn fih saret referenza proprju ghad-digriet tal-4 ta' Marzu 1998, li mhux imsemmi mill-attur fit-talba attrici, u fejn l-modalita' ta' l-access tieghu ghall-minuri giet ridotta b'digriet *ad hoc* tal-istess Qorti datat 3 ta' Novembru 1999 fejn inghata biss lill-attur access b'supervizjoni ta' *social worker* fic-Centru Hidma Socjali (fol. 16).

Illi anke jekk issir riferenza ghax-xhieda prodotta mill-partijiet fil-kawza jirrizulta li l-attur assolutament ma jghid xejn kif l-istess ulied kienu ser jigu mantnuti minnu, u jigi rilevat ukoll li mix-xhieda ta’ Marlene Aquilina, li ma gietx kontradetta, irrizulta li l-attur anke meta t-tfal kienu maghha huwa qatt ma onora l-obbligu tieghu biex ihallas il-manteniment. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali li l-procedura mertu tal-kawza odjerna mhiex hlief tentattiv sabiex l-attur ma jibqa jonora l-obbligu li huwa stipulat fil-kuntratt iffirmat minnu u naxxenti wkoll mill-ligi nnifisha. Huwa fl-ebda mument ma kkontesta li t-tfal qed tiehu hsiebhom l-istess konvenuta u ma ppropona l-ebda metodu iehor sabiex ikun jista’ jmantni lil uliedu. Din il-Qorti qatt ma tista’ tissanzjona tali komportament.

Illi fl-ahharnett f’dan l-istadju ssir ukoll referenza ghal **artikolu 61 tal-Kap. 16** li jiddisponi illi:-

*“(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-ragel dwar il-kustodja tat-tfal jista’, f’kull zmien, fuq talba tal-mara jew tar-ragel, jew ta’ xi qarib ta’ xi hadd minnhom, jigi annullat mill-Qorti kompetenti, meta hekk ikun mehtieg ghall-gid tat-tfal.*

*(2) F’dak il-kaz, il-Qorti ghandha tiddeciedi f’idejn min ghandhom jigu moghtijin it-tfal, u kif ghandhom jitmantnew u jigu edukati.”*

Illi b’hekk ladarba s-Sekond’ Awla kienet f’dan il-kaz il-Qorti kompetenti, anke ghaliex l-istess attur assoggetta ruhu ghall-kompetenza taghha jsegwi wkoll li l-istess Qorti in konformita’ ma’ dak kollu li fuq inghad kellha l-kompetenza li tordna li l-manteniment kellu jinqata’ direttament mill-paga tal-attur ghaliex dan kien kollu konsegwenza tal-ordnijiet kollha l-ohra moghtija mill-istess Qorti, li l-genituri t-tnejn accettaw il-kompetenza taghha u rrikorrew ghaliha.

Illi fl-ahhar nett issir ukoll riferenza ghall-emendi li gew introdotti permezz tal-**Avvizi Legali 395, 396 u 397 tal-2003** u l-**Avvizi Legali 8 u 9 tal-2004** li permezz taghhom

twaqqfet il-Qorti tal-Familja u gabu tibdiliet kbar ghal dak li jirrigwarda l-kompetenza ta' l-istess.

Illi rigward il-kontro-talba mressqa, l-attur eccepixxa n-nullita' tal-istess minhabba nuqqas ta' ness legali. Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **"Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia"** (P.A. (RCP) 6 ta' Marzu 2003 - Cit. Nru 924/1997):-
Illi l-**artikolu 396 tal-Kap 12** jiddisponi illi:-

*"Fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif ser jinghad hawn taht:-*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha".*

Illi dan l-aspett gja' gie estensivament ikkonsidrat fis-sentenza ta din il-Qorti fl-ismijiet **"Paul Bezzina et vs Eagle Beams Limited et"** deciza minn din il-Qorti fil-4 ta' Dicembru 1998, u qed issir referenza ghal rakkolta ta' sentenzi hemm citati fl-istess decizjoni li kkonfermaw illi r-rekwiziti sabiex issir il-kontro-talba huma dawk enuncjati fis-sentenza **"Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin noe"** (V.A.M. 24 ta' April 1930) u cjoe` li jkun hemm:-

*(a) la comunanza di origine delle due causi, ovverro*

*(b) la eliminazione reciproca delle due domande.*

Illi dan jissussisti meta "*le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo*".

Illi minn dan jirrizulta li l-legislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tieghu kienet mhux biss li tigi eliminata l-obbligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda ukoll jekk id-

domandi attrici jigu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.

Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b'hekk jigu evitati multiplicita' ta' kawzi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu ghandha tkun wahda estensiva, imbasta l-bazi tal-istess tigi rispettata u mhux znaturata.

Illi ghalhekk fl-interprettazzjoni tal-fonti ta' *origine* tal-istess kontro-talba, u cjoe` l-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn ghandhom dejjem jigu nterpretati fil-kumpless ta' cirkostanzi li jaghtu hajja ghall-kawza u li jifformaw il-bazi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-legislatur permezz ta' sub-artikolu (2) jestendi l-istess ghal kull mezz li bih l-azzjoni attrici tigi estinta, jew l-effetti taghha jigu newtralizzata.

Illi dan kollu ghaliex *"la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*". (**"Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et"** – P.A. (FGC) – 15 ta' Mejju 1998).

Illi konsistentement mal-premess, gew ammessi kontro-talbiet anke meta l-azzjoni attrici hija wahda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li l-istess kawza timponi u dan proprju abbazi tal-**artikolu 396(2)** (**"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"** – RCP – 4 ta' Dicembru 1998).

Illi dan kollu huwa konformi mal-gurisprudenza prezenti li biha l-formalizmu esegerat ghandu jigi eliminat ghal kollox, b'dan li wiehed ghandu jaghti hafna aktar importanza ghas-sustanza milli ghall-forma, u ghandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti gudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intizi ghal tali skop, u in effetti kkanonizzaw il-giurisprudenza moderna u konstanti tal-ahhar snin.

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-kontro-talba mhiex wahda nulla. Il-konnessjoni hija evidenti – l-attur qed jitlob in-nullita' tad-digriet li bih gie ordnat ihallas il-manteniment tat-tfal lin-nanna u li dan kellu jinqata' direttament mill-paga. Min-naha l-ohra l-kontro-talba hija bbazata fuq id-dritt tal-konvenuta naxxenti mill-istess digriet li hija ghandha hija ghandha tithallas l-imsemmi manteniment hemm indikat ghal-interess tal-istess minuri, kemm fl-imsemmija digrieti u kemm fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tieghu li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika ma' Cettina Polidano jinghad li r-relazzjoni guridika tirrizulta mill-fatt li l-istess konvenuta ghandha l-kura u l-kustodja ta' uliedu li dwarhom huwa obbliga ruhu li jhallas il-manteniment minnu stipulat fil-kuntratt u konfermat mill-istess Qorti.

Illi jirrizulta ghalhekk li abbazi tal-provi prodotti l-kontro-talba ghandha tigi milqugha fis-sens li tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-konvenuta, bhala l-persuna li ghandha effettivament l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, is-somma ta' mija u ghaxar liri mensilment bhala manteniment ghall-istess minuri, u tordna wkoll li l-istess ammont jitnaqqas direttament mill-*employer* tal-attur u jintbghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-konvenuta u lill-kjamata fil-kawza sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-attur sabiex l-istess jaderixxi ruhhu ma' din l-ordni u ma' dik li qabel kienet is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fir-rigward tac-citazzjoni attrici **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tal-kjamata fil-kawza (hlief ghall-ewwel wahda li gja' kienet deciza b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-18 ta' Mejju 2001) **tichad it-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-istess attur.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**kontro-talba**, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-attur John Aquilina, u **tilqa' t-talbiet tal-konvenuta *et* fil-kontro-talba taghha**, fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1) Tordna u tikkundanna lill-attur John Aquilina sabiex l-ammont ta' mija u ghaxar liri (Lm110) mensili li kien obbligat ihallas ghat-tfal minuri tieghu skond il-kuntratt ta' separazzjoni Dok "A", jigi minnu mhallas lill-konvenuta li ghandha l-kura u l-kustodja effettiva tal-istess minuri wlied l-attur, filwaqt li din il-Qorti qed tikkonferma l-kura u kustodja tal-istess minuri f'idejn l-istess konvenuta fl-interess ta' l-istess minuri;

2) Tordna li dan l-ammont ta' manteniment ta' mija u ghaxar Liri Maltin dovuti mill-attur bhala alimenti ghall-istess minuri wlied l-attur jithallas direttament mill-*employer* tal-attur lill-konvenuta Cettina Polidano u dan billi l-istess ammont jinqata' direttament mill-paga tal-istess attur mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------